# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1898

**Kaz Numru 2539DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Alexandra Galea**

**u**

**l-*Malta College of Arts, Science & Technology***

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum il-Hamis 15 ta' Jannar 2009**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-4 ta' Ottubru 2007.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Il-*Malta College of Arts, Science & Technology* li minn issa 'l quddiem ser jissejjah il-kullegg intimat, kien irrapprezentat minn Emmanuel Attard assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona.

2.2 Alexandra Galea, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet irrapprezentata mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti bdiet fl-impjieg mal-kullegg intimat nhar it-03.01.05 fil-kariga ta' *E.U Projects Co-Ordinator* fuq kuntratt *whole time* ghal zmien fiss. Fin-nuqqas ta' tigdid tal-kuntratt, nhar it-18.01.07 hi kitbet lill-Principal u Kap Ezekuttiv tal-kullegg intimat, u gharrfitu bil-pretensjoni taghha li minn dak in-nhar 'il quddiem ghandha titqies li kienet fuq kuntratt minghajr terminu ta' zmien. Il-Principal u Kap Ezekuttiv tal-kullegg intimat wegibha bir-ragunijiet ghaliex il-pretensjoni taghha ma setghetx tintlaqa'. Xi zmien

f'Marzu 2007, minhabba l-pretensjoni taghha kif kitbet fl-ittra msemmija, ir-rikorrenti rrifjutat li tiffirma kuntratt iehor li kien jestendilha z-zmien tal-kuntrat originali taghha sa tmiem Gunju 2007. Nhar l-10.08.07, minhabba li r-rikorrenti regghet irrifjutat li tiffirma l-kuntratt ta' estensjoni offrut lilha, il-Principal u Kap Ezekuttiv tal-kullegg intimat, temmilha l-impjieg b'avviz ta' gimaghtejn bil-hlas.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Paul Busuttil, Frank Edwards, Frederick Fearne u Joyce Hili xehdu ghall-kullegg intimat.

4.2 Alexandra Galea xehedet ghaliha innifsha.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kullegg intimat esebixxa;

- id-dikjarazzjoni tal-kaz.
- kopja ta' avviz minghajr data, biex timtela l-kariga ta' *E.U. Projects Co-Ordinator*, immarkata Dok.FF1.
- kopja ta' e-mail datata 08.03.07, minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru rigwardanti l-approvazzjoni tat-talba tar-rikorrenti biex tahdem sighat imnaqqsa, immarkata Dok. FF2.

5.2 ir-rikorrenti esebiet

- id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'wiehed u ghoxrin pagna.
- kopja ta' tliet certifikati statutorji tal-mard mahruga f'isem ir-rikorrenti mit-tabib tal-familja taghha, immarkati Dok.AG1, AG2 u AG3.
- kopja ta' tliet certifikati tal-mard mahruga f'isem ir-rikorrenti mit-tabib tal-kullegg intimat, immarkati AG4, AG5 u AG6.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Paul Busuttil**, impjegat fil-kariga ta' *Financial Controller* tal-kullegg intimat, fiz-zmien meta r-rikorrenti hadmet mal-kullegg intimat, ikkonferma li hu kien ha sehem fil-Bord ta' l-Ghazla biex kienet impjegata r-rikorrenti. Ix-xhud stqarr li waqt l-intervista hu stess kien gharraf lir-rikorrenti li l-impjieg kien ghal sentejn, u li fil-kaz ta' progetti futuri kien mehtieg li hi terga' tapplika meta jinhareg l-avviz rilevanti.

6.2 **Frank Edwards,** li kien impjegat fil-kariga ta' Principal u Kap Ezekuttiv tal-kullegg intimat, fiz-zmien meta r-rikorrenti hadmet mal-kullegg intimat taht it-tmexxija ta' Frederick Fearne, stqarr li hu kien mexxa l-Bord li wassal ghall-ghazla tar-rikorrenti minn fost applikanti esterni, ghall-kariga ta' *E U Projects Co-Ordinator*. Ix-xhud stqarr ukoll li waqt il-process ta' l-ghazla, ir-rikorrenti kienet mgharrfa li jekk u meta l-fondi mill-Ewropa ghall-progetti milqugha, jispiccaw jew jitwaqqfu, issegwi t-temma ta' l-impjieg. Ix-xhud ikkonferma li f'dan l-istadju ma kien hemm ebda oggezzjoni minn naha tar-rikorrenti ghal din il-kundizzjoni. Frank Edwards qal li hu kien ta kontribut ghat-tfassil tal-kuntratt ghal impjieg fiss tar-rikorrenti, izda ma kienx fassal il-kuntratt hu. Zied jghid li kien bizzejjed ghal min jaqra l-kuntratt biex jinduna li kien ghal zmien fiss u ghaldaqstant ma kienx mehtieg li jinkiteb fih li kien hemm rabta mal-fondi mill-Ewropa.

Frank Edwards kompla jghid li kien jezisti ftehim mal-*Managing Authority,* bazata fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, biex ikunu provvduti 80% tal-fondi biex jithallas is-salarju ta' persuna fil-kariga ta' *E U Projects Co-Ordinator* matul is-snin 2005 u 2006. Lejn tmiem is-sena 2006, meta l-amministrazzjoni tal-kullegg ikkalkolat li kien fadal fondi bizzejjed biex jitkomplew il-progetti mibdija, intalbet estensjoni biex il-fondi jkomplu jintuzaw ghal sitt xhur ohra sa tmiem Gunju 2007. Zied jghid li Frederick Fearne kien fid-dover li jzomm lir-rikorrenti mgharrfa b'dak li kien qieghed isir biex tinkiseb estensjoni ghall-uzu tal-fondi rilevanti, u konsegwentement tal-kuntratt ghal zmien fiss tar-rikorrenti. Frank Edwards ghamel riferenza ghall-ittra datata 18.01.07 mibghuta lilu mir-rikorrenti dwar il-pretensjoni taghha rigwardanti l-bidla li sehhet *ex-lege* fid-durata tal-kuntratt ta' l-impjieg, ghaz-zewg laqghat li kellu maghha rigwardanti d-diffikulta li kellu biex fin-nuqqas ta' l-accettazzjoni taghha ghal estensjoni tal-kuntratt ghal zmien fiss, jinkisbu l-fondi biex ikompli jhallasha, kif ukoll ghad-decizjoni li kien kostrett jiehu li wasslet ghat-temma ta' l-impjieg. Frank Edwards stqarr li ghalkemm il-fondi ghall-progetti kellhom jispiccaw f'Gunju 2007, u dawn komplew sa Dicembru 2007, fin-nuqqas ta' l-accettazzjoni ta' l-iffirmar ta' l-estensjoni tal-kuntratt ghal zmien fiss, il-kullegg intimat xorta wahda ma setax jikseb fondi minghand il-*Managing Authority*. Minhabba f'dan, is-salarji kollha li thallset ir-rikorrenti bejn Jannar 2007 u Awwissu 2007 inhargu mill-fondi tal-kullegg intimat bi ksur tar-regoli finanzjarji rilevanti. Frank Edwards kompla jghid li wara Dicembru 2007 il-parti l-kbira tal-progetti milqugha ntemmu, u konsegwentement naqas ix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti, u x-xoghol kompla b'ritmu mnaqqas. Meta ntemm l-impjieg tar-rikorrenti x-xoghol li kien fadal inghata f'idejn impjegati ohra tal-kullegg intimat. Frank Edwards stqarr ukoll li mill-fondi Ewropej ghas-snin 2007-2013 xejn ma kien ser ikun allokat ghall-kullegg.

6.3 **Frederick Fearne**, li kien impjegat fil-kariga ta' *Manager-Projects Office* mal-kullegg intimat fiz-zmien meta r-rikorrenti hadmet mal-kullegg intimat, stqarr li kien serva fil-Bord ta' l-Ghazla biex kienet impjegata r-rikorrenti. Zied jghid li l-avviz li deher rigwardanti l-kariga ta' *E.U. Projects Co-Ordinator* kien jghid bic-car li l-impjieg fil-kariga msemmija kellu rabta mal-protokol dwar progetti ta' l-Ewropa ghaz-zmien 2005-2006. Gara li l-progetti kienu popolari hafna. Minhabba li f'Dicembru 2006 kien ghad fadal flus li ma ntefqux, inkisbet l-approvazzjoni tal-*Managing Authority* biex xi whud mill-progetti jitkomplew sa tmiem Gunju 2007. F'dan l-istess zmien ir-rikorrenti talbet biex tahdem *family friendly hours* u t-talba taghha ntlaqghet. Minhabba li r-rikorrenti kienet tamministra l-korrispondenza kollha ta' l-Ufficcju, hi kienet taf kollox dwar it-talba li saret biex ikun hemm estensjoni tal-progetti u konsegwentement tal-kuntratt taghha. Xi zmien wara Gunju 2007 hu ma kompliex imexxi l-Ufficcju tal-Progetti sosstnuti b'fondi mill-Ewropa.

6.4 **Alexandra Galea,** ir-rikorrenti, ikkonfermat id-dikjarazzjoni taghha mmarkata Dok. 1 annessa mar-rikors datat 04.10.07, u ghamlet ukoll diversi tifsiriet ta' frazijiet u kliem li kitbet fid-dikjarazzjoni taghha. Ir-rikorrenti stqarret li bil-frazi "gejt mitluba b'sahha biex niffirma l-propost ftehim" riedet tfisser li Paul Busuttil u Frank Edwards qalulha li jekk ma tiffirmax l-estensjoni tal-ftehim itemmulha l-impjieg. Minhabba li hi ma ffirmatx huma rrifjutaw li jaghtuha kopja tad-dokument. Ir-rikorrenti stqarret li qabel it-18.01.07 ma rat ebda korrespondenza rigwardanti t-tkomplija ta' l-impjieg taghha, hadd ma qalilha xejn u ghaldaqstant ma kinitx taf dwar il-hsibijiet tal-kullegg intimat li jitlob it-tkomplija ta' l-uzu tal-fondi li kien fadal u konsegwentement ta' l-estenzjoni tal-kuntratt taghha ghal zmien fiss. Hi qalet li ndunat li l-korsijiet kien fadlilhom zmien biex jispiccaw u rragunat li kienet ser tkompli fl-impjieg sakemm dawn jintemmu. Ir-rikorrenti kompliet tghid li meta kienet mgharrfa bid-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg, emozzjonat ruhha hafna, u kienet certifikata kemm mit-tabib tal-familja kif ukoll minn dak tal-kullegg intimat li ma kinitx tajba ghax-xoghol ghal gimaghtejn. Fi tmiem ix-xhieda taghha r-rikorrenti stqarret li minbarra x-xoghol relatat mal-progetti ffinanzjati mill-protokol ta' l-*European Social Fund*, kien hemm zmien meta kienet ukoll taghmel xoghol fuq progetti ffinanzjati mill-*European Regional Developmnet Fund.*

6.5 **Joyce Hili,** impjegata fil-kariga ta' *Human Resouces Manager* mal-kullegg intimat, fiz-zmien meta r-rikorrenti hadmet mal-kullegg intimat, stqarret li hi hadet sehem fit-tfassil ta' l-avviz tal-kariga offruta lir-rikorrenti, fil-ktejjeb ta' taghrif dwar l-istess kariga, u wkoll fit-tfassil tal-kuntratt ta' l-impjieg taghha ghal zmien fiss. Ix-xhud kompliet tghid li ghall-habta ta' nofs Dicembru 2006, kienet gibdet l-attenzjoni tal-Kap tad-Dipartiment taghha ghall-fatt li l-kuntratt tar-rikorrenti u ta' persuna

ohra kienu ser jiskadu fi ftit zmien. Il-Kap tad-Dipartiment kien wegibha li kienet qieghda tintalab estensjoni. F'Jannar 2007 saret taf bl-ittra li r-rikorrenti baghtet lill-Principal u Kap Ezekuttiv, u f'Marzu 2007 intalbet tfassal estensjoni tal-kuntratt tar-rikorrenti u persuna ohra sa tmiem Gunju 2007.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem il-kullegg intimat stqarr li:

- ir-rikorrenti u l-kullegg intimat inqabdu f'morsa ta' burokrazija. Dan ghaliex fil-waqt li r-rikorrenti ppretendiet li l-kuntratt taghha nbidel ghal wiehed minghajr terminu ta' zmien bl-intopp burokratiku li johloq dubju jekk setax isir hekk, il-kullegg intimat, fil-waqt li ppretenda li r-rikorrenti tifhem dak li sar biex hi tkompli fl-impjieg sakemm tinstab soluzzjoni ghall-impasse li nholoq, inqabad fil-burokrazija mal-*Management Authority* u kien kostrett juza fondi li kienu vvutat biex ikopru attivitajiet ohra tal-kullegg intimat.
- il-kullegg intimat ghamel zball amministrattiv meta naqas li jgedded il-kuntratt fiz-zmien dikjarat fil-ligi, izda r-rikorrenti kienet taf li l-kuntratt taghha kien ghal zmien fiss u wkoll li kien marbut ma' fondi Ewropej approvati ghal progetti specifici. Konsegwentement f'dawn ic-cirkustanzi l-effett tal-ligi m'ghandux jahdem kontra l-kullegg intimat. Dan minhabba r-restrizzjoni li l-kullegg intimat kellu dwar l-uzu tal-fondi matul iz-zmien kollu ta' l-impjieg tar-rikorrenti mal-kullegg intimat.
- f'dan il-kaz ma kienx hemm tkeccija. Kien hemm temma ta' l-impjieg ghaliex ir-rikorrenti rrifjutat li tiffirma estensjoni tal-kuntratt taghha li kien skada. Fid-dawl ta' dan l-Avukat Andrew Borg Cardona talab lit-Tribunal Industrijali jaghmel riferenza ghall-kaz numru 2391 Simon Borg versus Lufthansa Technik (Malta) Limited.
- il-kullegg intimat ma abbuzax mill-artiklu li jipprotegi l-impjegat minn kuntratti successivi ghal zmien fiss. Dan ghaliex dan il-provvediment jghodd biss ghal kuntratti successivi li jeccedu l-erba' snin. Anzi l-istess provvediment jaghmel eccezzjoni mahsuba biex tezenta kuntratti tali jekk ikunu ghal progetti specifici.
- il-pretensjoni tar-rikorrenti ghal impjieg minghajr zmien fiss mal-kullegg intimat kienet tikser il-procedura statutorja rigwardanti impjiegi ma' entitajiet governattivi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem ir-rikorrenti stqarr li:

- minkejja li l-kuntratt ghal zmien fiss tar-rikorrenti kien jiskadi fil-31.12.06, u li l-Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni kien mgharraf gimaghtejn qabel l-iskadenza, il-kullegg intimat naqas li jagixxi kif titlob il-ligi. Permezz ta' l-Ittra taghha datata 18.01.07 mibghuta lill-Principal u Kap Ezekuttiv tal-kullegg intimat, ir-rikorrenti harset id-dritt taghha ghal impjieg minghajr zmien fiss skond il-ligi. Il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas amministrattiv mill-kullegg intimat m'ghandhomx ikunu sofferti mir-rikorrenti.
- kien biss f'Marzu 2007 li l-kullegg intimat talab lir-rikorrenti biex tiffirma estensjoni ghal zmien fiss iehor tal-kuntratt originali. Meta dan ma sehhx regghu ghaddew hames xhur ohra qabel ma regghet tqajment il-kwistjoni tal-kuntratt.
- il-Principal u Kap Ezekuttiv stqarr li minhabba li r-rikorrenti kienet tirrapporta lil Frederick Fearne, kien dan li suppost zammha mgharrfa b'dak kollu li kien qieghed jaghmel il-kullegg intimat dwar it-tkomplija ta' l-impjieg taghha. Frank Edwards assuma li Frederick Fearne ghamel hekk. Min-naħa tiegħu Frederick Fearne stqarr li assuma li r-rikorrenti kienet taf x'kien għaddej għaliex kienet tamministra l-korrispondenza kollha hi. Iżda dwar dan kollu ma nġiebet ebda prova. Minbarra hekk Frederick Fearne stqarr li ġaladarba jezisti d-Dipartiment tar-Rizorsi Umani kien Paul Busuttil li suppost ħa ħsieb l-estensjoni. Jirriżulta li Paul Busuttil kien tardiv f'dan ir-rigward.
- ir-relazzjoni ta' l-impjieg kienet biss bejn ir-rikorrenti u l-kulleġġ intimat. Ma kien hemm ebda relazzjoni oħra, la mal-*Managing Authority* u lanqas ma' xi entita Ewropeja li kienet tamministra l-fondi tal-progetti approvati u sosstnuti minn fondi Ewropej.
- dak li nkiteb fl-avviż għall-kariga u dak li ntqal fl-intervista' ma jgħoddu xejn, galadarba ma nkitbux fil-kuntratt ta' l-impjieg.
- għalkemm ir-rikorrenti kienet impjegata biex tikkordina l-proġetti sostnuti mill-fondi tal-*European Social Fund,* hi għamlet ukoll xogħol ieħor rigwardanti proġetti sostnuti mill-fondi tal-*European Regional Development Fund.*
- ir-rikorrenti kienet impjegata b'mod regolari.
- il-prattika ta' estensjonijiet ta' kuntratti għal żmien fiss tammonta għal abbuż tal-provvediment rilevanti tal-liġi.

- il-fatt li l-kulleġġ intimat ta avviż ta' ġimagħtejn għat-temma ta' l-impjieg, fih innifsu jammonta għal ammissjoni ċara ta' kuntratt għal żmien indefinit.

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta;

8.1 l-impjieg tar-rikorrenti sehh wara process ta' ghazla li segwa avviz pubbliku mahrug mill-kullegg intimat. Ma kien hemm xejn irregolari fl-attivitajiet amministrattivi kollha li wasslu ghall-iffirmar tal-kuntratt rilevanti.

8.2 jirrizulta car mill-provi li kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-kullegg intimat kienu jafu li l-kuntratt kien ghal kariga ta' *EU Projects Co-Ordinator* ghal zmien fiss li jintemm fil-31.12.06.

8.3 it-taghrif li l-*Human Resources Manager* wasslet lill-Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni rigwardanti l-vicinanza ta' l-iskadenza tal-kuntratt ghal zmien fiss tar-rikorrenti, kellu jwassal biex il-kuntratt ta' estensjoni jkun iffirmat fiz-zmien preskritt mill-ligi. In-nuqqas ta' azzjoni f'dan ir-rigward minn naha tal-kullegg intimat, kien nuqqas amministrattiv li wassal ghall-pretensjoni tar-rikorrenti dwar it-tibdil fin-natura tal-kuntratt taghha.

8.4 iz-zmien fiss tal-kuntratt ta' l-impjieg tar-rikorrenti kien dettat min-natura tax-xoghol stess kif spjegat fl-avviz pubbliku rilevanti. It-tfassil tal-kuntratt segwa dak li deher fl-avviz imsemmi. L-attentat li sar min-naha tal-kullegg intimat biex tkun iffirmata estensjoni ghal-kuntratt ewlieni ma kien jikser ebda provvediment ta' l-Avviz Legali Numru 429 ta' l-2002, izda ma sarx fiz-zmien preskritt mill-artiklu 34(2) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

8.5 jirrizulta minn dan kollu li l-pretensjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-bidla fit-terminu tal-kuntratt kienet konformi mal-provvediment rilevanti tal-ligi ghal dak li jirrigwarda d-durata ta' l-impjieg. Izda dan id-dritt kien limitat bl-istess kuntratt ghall-kariga *ta' EU Projects Co-Ordinator,* u wkoll bil-ftehim sussegwenti li kien sar biex ir-rikorrenti tahdem sighat imnaqqsa. Dan id-dritt seta' jkompli jkun invokat sakemm ikompli jezisti x-xoghol rilevanti ghall-kariga msemmija. Bhal kull xoghol iehor regolat minn kuntratt minghajr zmien fiss, meta l-attivitajiet kuntrattwali jintemmu tista' ssehh *redundancy.*

8.6 jirrizulta mill-provi li l-kullegg intimat temm l-impjieg tar-rikorrenti ghaliex hi ma ffirmatx l-estensjoni tal-kuntratt u mhux ghaliex kien spicca x-xoghol relatat mal-kariga tar-rikorrenti. Tant hu hekk li l-istess Principal u Kap Ezekuttiv stqarr fix-xhieda tieghu li l-korsijiet sosstnuti mill-fondi Ewropej u ko-ordinati mir-rikorrenti, komplew sa tmiem Dicembru 2007.

8.7 ir-riferenza li saret ghall-kaz numru 2391 Simon Borg vs Lufthansa Technik (Malta) Limited mhix rilevanti ghal dan il-kaz, ghaliex it-Tribunal Industrijali diversament presjedut kien iddecieda li t-temma ta' l-impjieg kienet saret fiz-zmien tal-prova.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ha kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti f'Awwisu 2007, saret bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artiklu 36(3) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ma saritx ghal raguni gusta u sufficjenti, u jordna lill-kullegg intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' Tlett elef, tmien mija u ghaxar Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,810.85) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f'pagament wiehed sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**